**Minuti tat-367 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 10 ta' Marzu, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-366 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Buttigieg staqsa x'ser isir dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li sar fi Triq G Agius Muscat mill-kuntrattur Alfred Schembri & Sons. Is-Sindku qal li hu tkellem mal-perit biex it-triq tiġi rranġata fl-iqsar żmien.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta minn Transport Malta dwar il-manutenzjoni li jeħtieġ isir fi Triq tal-Labour. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk il-Kunsill iċċekkjax x'tip ta' bozoz qed jintużaw fi Triq is-Santwarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn eżerċizzju li sar, irriżulta li m'humiex l-istess bozoz li qed jinqatgħu.

Is-Sur Catania staqsa dwar l-esidu tas-seduta li kellha ssir b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas li qed issir mill-kumpanija *Karmig Trading Limited* fejn qed titlob lill-Kunsill iħallas is-somma ta' €49,012 bħala taxxa fuq il-valur mizjud għax-xogħlijiet li saru minn din il-

kumpanija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu flimkien mas-Sindku u l-Avukat Caruana, li qed jirrappreżenta l-interessi tal-Kunsill, kienu attendew għall-ewwel seduta li saret nhar l-Erbgħa, 10 ta' Marzu, 2010.

Is-Sur Catania talab li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Transport Malta dwar it-talba biex isiru *parking bays* fi Triq Bajada.

Is-Sur Bonnici staqsa x'sar dwar it-talba għal *un/loading bay* fi Triq Bajada quddiem il-ħanut Brumi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien ser iressaq it-talba għall-approvazzjoni.

Is-Sinjura Calleja fakkret dwar il-ħtieġa li titnaddaf Triq il-Kapuċċini.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pisani fejn ta r-raġuni għall-assenza tiegħu għall- aħħar laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Renato Agius Muscat fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-inizjattiva u l-azzjoni li ttieħdet biex issir grada tal-ħadid madwar il monument.

Inqrat Memo 37/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar konferenza internazzjonali dwar il-ġemellaġġi li ser issir bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2010.

Inqrat Memo 39/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward laqgħa dwar proposti ta' proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013 li ser issir nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu bejn it-3pm u s-7pm fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Beltisebħ, il-Furjana.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Frar, 2010 u l-10 ta' Marzu 2010 li kien jammonta għal €41,913.08. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2010 li kien jammonta għal €107.61. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Sur Grech ressaq quddiem il-Kunsill il-proposta għal sistema ta' *one way* fl-inħawi ta' Triq il-Kapuċċini u t-toroq tal-madwar. Is-Sur Grech ippropona li din il-proposta titressaq għall-approvazzjoni tat-Transport ta' Malta.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq – ZLC 1/2010</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi sebgħa offerti għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq – ZLC 1/2010. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** |
|---|---|
| Brian Construction Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Vincent Farrugia | *Non-collusive* mhux iffirmat |
| Asfaltar Construction Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Alfred Schembri & Sons Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Catbros Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Polidano Bros Ltd | Mimlija u ffirmati |
| Vella Group Ltd | Mimlija u ffirmati |

Is-Sur Grech iddikjara li għandu nteress pekunarju mal-offerent Brian Construction Ltd minħabba proprjeta (garaxx) illi huwa għandu mikri lil dan il-kuntrattur u talab li jirtira mil-laqgħa. Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur Grech ġie skuzat u rtira mil-laqgħa.

Inqara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit Edric Micallef dwar l-offerti li ġew sottomessi.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-aktar offerta vantaġġjuza dik mingħand il-kumpanija Vella Group Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*quotations* li kienu ngħataw mill kumpanija *Island Insurance Brokers* għat-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Ingħatat *quotation* mingħand *Citadel Insurance* għall-prezz ta' €1,495.00, mingħand *Atlas Insurance* Ltd għall-prezz ta' €1,567.23 u oħra mingħand *Laferla Insurance Agency* għall-prezz ta' €1,453.14. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-offerta ta' *Laferla Insurance Agency* u li jġedded għal sena oħra l-polza ta' assigurazzjoni tal Kunsill mal-kumpanija *Island Insurane Brokers.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għall-installazjoni tal-*lift* fiċ-Ċentru Ċiviku kienet tlestiet u ser tinħareġ fil-ġimgħat li ġejjin.

Inqrat korrispondenza dwar il-festivitajiet ta' Eschenfest u l-iffirmar ta' ġemelagg bejn iż-żewġ ibliet li ser isiru f'Eschborn bejn l-14 u 16 ta' Mejju 2010. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondatamis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku flimkien mas-Sur Bonnici jkunu l-persuni li jitilgħu għall-iffirmar ta' dan il-ġemellaġġ.

Is-Sur Buttigieg ippropona li l-Kunsill jitlob formalment d-devoluzzjoni ta' art pubblika li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jikteb dwar l-art imsemmija.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Buhagiar staqsa jekk kienx hemm fondi bizzejjed biex isir xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Leli Tabone. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab lill-Perit tal-Kunsill jagħmel stima ta' kemm jiġi jiswa x-xogħol biex tiġi rranġata din it-triq.

Is-Sur Buhagiar qal li kien lesta r-rapport dwar iż-*zebra crossings* li hawn f'Ħaż-Żabbar biex jiġi aċċertat li dawn huma kollha skond il-kriterji stabiliti.

Is-Sur Buttigieg talab li jsiru l-*pelican lights* maz-*zebra crossings* fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li ssir *zebra crossing* fi Triq tal-Labour ma' Triq Melita.

Is-Sur Bonnici reġa' semma l-ħtieġa li ssir *pelican crossing* fi Triq tal-Labour ħdejn Bieb is-Sultan.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li titneħħa *U Bar* li hemm taħt il-bankina fi Triq ix-Xgħajra ma Triq Wied il-Għajn.

Is-Sindku qal li vetturi kbar bħal *mixers* u trakkijiet li qed jaħdmu fuq il-*pumping station* tad-drenaġġ qed jagħmlu ħsara fi Triq San Anard.

Is-Sindku lmenta li fi Triq Villabate hemm tabella fuq *traffic island* li kienet ta periklu.

Is-Sindku semma l-ħtieġa li jitranġaw il-*parking bays* fi Triq is-Santwarju ma' Triq San Lawrenz.

Is-Sindku semma l-bżonn li tiġi rranġata u *bar* fi Triq Castaldi ma' Triq il-Vulcan, kif ukoll li isir U *bar* ħdejn Costa Petshop fi Triq il-Kunvent.

Is-Sindku semma l-bżonn li tiġi rranġata tappiera tad-drenagg fi Triq il-Kunvent ma' Triq Tumas Dingli.

Is-Sur Agius talab ukoll li jiġi rranġat il-parkeġġ fi Triq id-Dliela kif ukoll li tiġi rranġata parti mit-triq.

Fit-8.25 ta' filgħaxija is-Sur Catania talab li jkun skużat.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-organizazzjoni ta' attivita' Lejla fil-Belt Hompesch: Festival ta' Arti, Storja u Kultura li ser issir fit-22 u 23 ta' Mejju 2010. Is-Sur Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fit-8.35 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Pace talab li jsiru mill-ġdid ir-*reserved parkings* li kien hemm fi Triq G Agius Muscat.

Is-Sur Pace semma l-bżonn li jingħata l-konkos fi sqaq li hemm fi Triq Bajada quddiem Triq il-Marloċċ.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li terġa' issir talba biex issir *zebra crossing* fil-parti ta' fuq ta' Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Pisani talab lill-Kunsillieri kollha biex jippreparaw l-artikli tagħhom għall-pubblikazzjoni Citta' Hompesch u jippreżentawh sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu sabiex il-Bord Editorjali jkun jista' jibda jħejji l-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li titnaddaf Triq Dun Frans Buhagiar peress illi kuntrattur li ħadem f'din it-triq ħalla ħafna ħmieġ.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġu ranġati l-bankijiet imkissra li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi ntrodotta sistema ta' *one ways* fi Triq Leli Tabone, Triq iċ-Ċulqana, Triq ir-Redentur u t-toroq tal-madwar.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tiġi rranġata *manhole* fi Triq il-Kbira ma' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni.

Is-Sur Bonnici semma li se jitpoġġew ħames b*ring in sites* oħra fi Triq Castaldi, Triq il-Kittien, Misraħ Alofju Wignacourt u Triq id-Dukkar.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq San Anard Limiti Ta' Xaqqa.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jerġgħu jibdew jiffunzjonaw il-*CCTV* fil-bandli ta' Triq il-Kunvent u f'dak tal-*Housing Estate.*

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn ta' *Green Wardens* fil-*Housing Estate* minħabba li ċerti nies qed jarmu ħafna skart speċjalment skart goff barra fit-triq.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġu rranġati s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq Wied il-Ghajn u Triq il-Karmnu.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tiġi rranġata bankina li hemm fi Triq Bormla u li tinzabar siġra li hemm ħierġa fuq il-bankina fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jiġu rranġati trinek li hemm fi Triq Santa Dominka kif ukoll *manhole* tad-drenaġġ li hemm fi Triq il-Kunvent.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-368 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 6 ta' April, 2010.

Domenic Agius
Sindku